## 1 ta' Ġunju, 1993

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Reġistratur tas-Soċjetajiet

versus

George Camilleri *noe*

**Soċjetà – Ordinanza Soċjetajiet Kummerċjali – Penali**

*Ir-Reġistratur tas-Soċjetajiet aġixxa sabiex jiġbor penali għaliex allega li d-Direttur kien naqas minn dmirijiet statutorjament imposti fuqu li jsejjaħ laqgħa ġenerali annwali għall-azzjonisti u jqiegħed quddiem l-azzjonijisti r-rendikonti finanzjarji.*

*Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti fis-sens illi aċċettat id-difiża illi d-direttur kellu raġunijiet biżżejjed li jemmen u fil-fatt emmen illi persuna kompetenti u fdata kienet inkarigata li l-ħtiġijiet imsemmija kienu mħarsa u kienet f'posizzjoni li taqdi dan id-dmir.*

*Il-Qorti ta' l-Appell ċaħdet ukoll il-kontenzjoni tar-Reġistratur illi l-penali kienet dovuta għaliex la darba l-konvenut ma rrispondiex għall-avviż tal-kontravvenzjoni, il-penali hija dovuta xorta. Il-ġurisprudenza li dawn il-Qrati stabbilew kemm ilha li daħlet in vigore l-ordinanza hija fis-sens illi dak is-subartikolu jistabbilixxi favur l-attur presunzjoni "juris tantum" li l-konvenut għandu dejjem l-opportunità li jikkumbatti bil-provi rilevanti u konkludenti. In-nuqqas ta' risposta ta' l-avviż kellha però rifless*

*fuq l-ispejjeż.*

1. Iċ-ċitazzjoni fil-Qorti tal-Kummerċ talbet il-kundanna tal-konvenut, sabiex iħallas erbgħa u ħamsin lira u ħamsin ċenteżmu (Lm54.50ċ) penali, inkwantu huwa bħala direttur tal-kumpanija Roger Camilleri *(Properties) Limited,* kien naqas li jara li ssir il-laqgħa ġenerali annwali għas-snin 1979 u 1980 u, fl-iste ı snin konsegwentement ma ppreżentax il-kontijiet soċjali, u fl-1978, naqas li jibgħat ir-reżokont annwali lill-attur;

2. Il-konvenut eċċepixxa illi (a) il-liġi ma tikkontemplax penali għal nuqqas taħt l-art. 112, Kap. 168, biss, iżda jrid ikun hemm nuqqas taħt l-art. 111, ukoll – kif kjarament jiddisponi l-art. 113 Kap., 168; (b) għal nuqqas ta' l-art. 135, Kap. 168 ma jidhirx li l-attur għandu dritt li jinfliġġı penali; (ċ) l-esponenti ma jistax jiddistingwi bejn id-diversi kontravvenzjonijiet jekk l-attur, kif għamel, jinfliġġi penali waħda; (d) huwa ma kienx f'posizzjoni illi jesegwixxi dak li tgħid il-liġi u fi kwalunkwe każ għandu japplika l-*proviso* ta' l-art. 140 Kap. 168;

3. Fil-11 ta' April, 1991, il-qorti tal-Kummerċ iddeċidiet il-kawża billi ċaħdet it-talba attriċi, għall-motiv prinċipali:

"Illi mid-dikjarazzjoni ġuramentata tal-konvenut u l-aktar mix-xhieda tiegħu mogħtija fl-udjenza tat-23 ta' Jannar, 1991, jirriżulta bl-aktar mod ċar illi kienet ħaġa prattikament impossibbli għall-konvenut li jottempera ruħu ma' l-imsemmi artikoli ta' l-Ordinanza u dana billi ma kellux il-possibbilità li jaċċedi fl-uffiċċju tas-soċjetà u lanqas li jiltaqa' mad-diretturi l-oħra, ħutu, minħabba ġlied bejniethom;

Irriżulta li dan il-ġlied kien wieħed ta' natura gravissima

li fih kienu involuti sparaturi b'armi tan-nar;

Ċertament, id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza jridu jiġu obduti però, fil-fehma tal-Qorti, wieħed ikun qed jippretendi l-impossibbli jekk wieħed jistenna li direttur għandu jottempera ruħu ma' l-artikoli 112 u 134 akkost ta' kollox inkluż li jpoġġi l-istess ħajtu f'perikolu serju u imminenti. Il-massima legali "*ad impossibilia nemo tenetur*" (ċertament tapplika f'ċirkostanzi eċċezzjonali bħal ma rriżultaw fil-każ odjern;

Illi l-*proviso* ta' l-imsemmi artikolu 139 jiddisponi illi tkun difiża tajba jekk direttur jipprova li kellu raġunijiet biżżejjed li jemmen u li kien emmen li persuna kompetenti u fdata kienet inkarigata biex tara illi l-ħtiġijiet imsemmija kienu mħarsa u kienet f'posizzjoni li taqdi dak id-dmir;

Illi rriżulta li l-imsemmija dmirijiet setgħu jiġu moqdija, apparti mid-diretturi l-oħra, anke minn impjegati li kienu mħallsa preċiżament biex isir dak kollu rikjest mil-liġi;

Il-konvenut semma min kienu dawn l-impjegati u din il-Qorti hi sodisfatta, mill-fatt kif jemerġu mid-deposizzjoni tal-konvenut, li ma ġiet bl-ebda mod kontradetta, li l-konvenut irnexxielu jagħmel prova sodisfaċenti ta' l-elementi kkontenuti fl-imsemmi *proviso;*

Illi l-attur argumenta illi l-konvenut sar direttur ta' l-imsemmija soċjetà volontarjament u kien imissu jirriżenja minn direttur meta ra li ma setax jaqdi dmirijietu;

Illi dana l-argument fih ċertu valur però fil-każ odjern jisfa fix-xejn billi din il-Qorti diġà waslet għall-konklużjoni li l-

konvenut għandu difiża tajba a tenur ta' l-imsemmi *proviso* ta' l-artikolu 139;

Għal dawn il-motivi:

Prevja li takkolji s-seba' eċċezzjoni tal-konvenut, tiċħad it-talba ta' l-attur;

L-ispejjeż fiċ-ċitazzjoni jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti";

4. L-attur ħassu aggravat bis-sentenza u dan prinċipalment għaliex l-artikolu 140 ma japplikax għall-każ għaliex il-konvokazzjoni tal-laqgħa ġenerali huwa dover tad-direttur tal-kumpanija, bħal ma huwa l-konvenut, u mhux ta' l-impjegati tal-kumpanija. Barra minn dan il-penali kienu dovuti skond ma jipprovdi l-art. 192(2) dejjem tal-Kap. 168;

5. L-art. 140, jgħid:

"F'każ ta' nuqqas ta' tħaris ta' xi waħda mill-ħtiġijiet ta' l-art. 13 sa 18 tal-Kodiċi tal-Kummerċ jew l-art. 135 ta' din l-Ordinanza, skond il-każ, jew ta' xi waħda mill-ħtiġijiet ta' l-artikoli 135 sa 139 ta' din l-Ordinanza, kull min bħala direttur ta' kumpanija jonqos li jieħu l-passi kollha xierqa biex jiżgura t-tħaris mill-kumpanija tal-ħtiġijiet imsemmija jista' jeħel, dwar kull nuqqas, penali ta' mhux iżjed minn mitejn lira;

Iżda tkun difiża jekk jipprova li kellu raġunijiet biżżejjed li jemmen u li kien emmen li persuna kompetenti u fdata kienet inkarigata biex tara illi l-ħtiġijiet imsemmija kienu mħarsa u kienet f'posizzjoni li taqdi dak id-dmir";

waqt li l-artikolu 134 jgħid:

"(1) Id-diretturi ta' kull kumpanija għandhom, mhux aktar tard minn tmintax-il xahar wara r-reġistrazzjoni tagħha u wara dan għall-anqas darba kull sena skond il-kalendarju, iqiegħdu quddiem il-kumpanija f'laqgħa ġenerali, kont tal-qligħ u telf għaż-żmien, fil-każ ta' l-ewwel kont, mir-reġistrazzjoni tal-kumpanija, u f'kull każ ieħor, mill-kont ta' qablu, magħmul sa data mhux qabel id-data tal-laqgħa b'iżjed minn disa' xhur;

(2) Id-diretturi għandhom jaraw illi ssir f'kull sena skond il-kalendarju, u li titqiegħed quddiem il-kumpanija f'laqgħa ġenerali, karta tal-bilanċ skond id-data li fiha jsir il-kont tal-qligħ u telf";

Il-Qorti tħoss li l-qari ta' dawn l-artikoli huwa biżżejjed biex tinduċiha li eċċezzjonalment, tgħid illi r-risposta għall-aggravji prinċipali ta' l-attur tista' tieqaf wara u ma' l-istess qari;

6. Jibqa' l-lament fuq il-pretiża ta' l-attur ibbażata fuq l-artikolu 192(2) Kap. 168, illi, ġaladarba l-konvenut ma rrispondiex l-avviżi ta' kontravvenzjonijiet, dawk il-penali huma dovuti fi kwalunkwe każ;

Fuq dan il-punt, ormai, il-ġurisprudenza li dawn il-Qrati stabbilew kemm ilha li daħlet *in vigore* l-Ordinanza X ta' l-1962 – illum Kap. 168 tal-Liġijiet – hija fis-sens illi dak is-subartikolu jistabbilixxi favur l-attur presunzjoni *"juris tantum"*, li l-konvenut però, għandu dejjem l-opportunità li jikkumbatti bil-provi rilevanti u konkludenti. Naturalment, ukoll, l-attur, fin-nuqqas ta' risposta għall-avviż, fil-kawża li ssegwi, m'għandux jeħel spejjeż għaliex dak in-nuqqas jiġġustifikah li jagħmel kawża

– sakemm, u daqstant ieħor naturalment, ma jkollux għaliex serjament jaħseb illi, avvolja hemm dak in-nuqqas, il-persegwiment ta' kawża ma jkunx iġġustifikat;

7. Għal dawn ir-raġunijiet l-appell ta' l-attur huwa respint u s-sentenza appellata hija kkonfermata ħlief għal dak li jirrigwarda l-kap ta' l-ispejjeż inkwantu dawk ta' l-ewwel grad għandu jbatihom kollha l-konvenut, waqt li dawk ta' dan l-appell għandhom jiġu sopportati kwantu għal sesta parti ($^{1}/_{6}$) mill-konvenut u l-ħames sesti ($^{5}/_{6}$) l-oħra mill-attur.